MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru 1082/2014

**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**FRANCIS FORMOSA**

**OMMISSIS**

**ISMAIL HADDEWI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Formosa ta' 44 sena, bin Francis u Josephine nee' Gatt, mwieled Pieta' fid- 19 ta' Settembru 1970, residenti Blokk 3, Flat 4, Triq l- Insolja, Burmarrad u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 409470M;

U

OMMISSIS

U

Ismail Haddewi ta' 41 sena, bin Tajjeb u Hadam Haddewi, mwieled Algerija fid- 19 ta' Marzu 1973, residenti 91, Monroy, Flat 6, Triq il- Mazzola, San Pawl il-Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 69010A;

Talli nhar is- 17 ta' Ottubru 2012 f' dawn il- Gzejjer;

1) Assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija u cioe delitt ta' serq ikkwalifikat bil- mezz u bil- vjolenza numerika;

2) Ukoll talli fl- sitess jum u cirkostanzi akkwistaw, kellhom fil- pussess taghhom ghal liema ghan ikun, zammew jew importaw sustanza irritanti li huma prjobiti (pepper spray);

Lil Francis Formosa wahdu;

3) Fl- istess jujm u cirkostanzi, wara li kienu gew ikkundannati f' Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil- pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin, ghall- ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandhom forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandhom f' dak iz- zmien;

4) Talli b' hekk ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba'snin moghtija lilu mill- Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D nhar l- 4 ta' Dicembru 2008;

5) Aktar talli kiser il- kundizzjonijiet tal- liberta' provizorja imposta mill- Qorti, preseduta mill- Magistrat Dr S Meli LL.D fit- 22 ta' Ottubru 2012 f' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht depozitu ta' €5,000 u garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordna li jaghmel mill- istess Qorti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-17 ta' Ottubru, 2014, il-Pulizija rceviet rapport li fl-inhawi ta' Bahar ic-Caghaq kien hemm vettura wieqfa b'xi persuni gewwa fiha li dehru suspettuzi. Il-Pulizija marret minnufih fuq il-post u nstabet vettura tal-ghamla BMW, li fiha kien hemm iz-zewg imputati odjerni flimkien ma' Freddie Alfred Zahra, sid l-istess vettura. Dawn gew mistoqsija x'kienu qed jaghmlu hemm, u wiegbu li ma kienu qed jaghmlu xejn. Di fatti, il-vettura kienet wieqfa, it-tlitt persuni kienu bilqieghda fiha u kien hemm xi ikel u xorb. Fil-vettura, il-Pulizija sabu wkoll diversi oggetti li qanqlu suspett, bhal ingwanti suwed, lieva, "pepper spray" u tornavit kbir. It-tlitt persuni gew arrestati u nterrogati mill-Pulizija, fejn irilaxxaw stqarrija l-ghada, 18 ta' Ottubru, 2012. Dawn jinsabu esebiti fil-process. Huma tressqu b'arrest fid-19 ta' Ottubru 2012, akkuzati b'assocjazzjoni bil-ghan li jaghmlu delitt, b'pussess ta' oggetti relatati mar-reat ta' serq bi sgass, u b'imputazzjonijiet ohrajn relatati. Huma wiegbu li ma kienux hatja, w ghalhekk il-Qorti semghet il-provi taz-zewg nahat.

Mill-provi prodotti m'huwiex kontestat li z-zewg imputati u Zahra kienu fil-vettura BMW ta' Zahra dakinhar, u li fil-vettura instabu dawk l-oggetti. Fil-fatt, fil-mori tal-proceduri, Zahra kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, peress illi kien gia' skonta l-piena li setghet tinghata lilu ghal dan ir-reat waqt li kien ghadu taht arrest preventiv. Bhala provi, hemm qbil li t-tlieta li huma kienu fil-vettura ta' Zahra dakinhar, u li fl-istess vettura kien hemm dawk l-oggetti msemmija. Li mhux qed jaqblu dwaru l-imputati Formosa u Haddewi hu li huma ma kienu qed jaghmlu xejn b'daqshekk. Ghalhekk il-Qorti, aktar milli tizen il-provi prodotti, trid tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara jekk, bis-semplici fatt li l-imputati kienu f'dik il-vettura, flimkien ma' Zahra u b'dawk l-oggetti fl-istess vettura, jistghux jinstabu hatja tar-reati hekk addebitati lilhom.

Fl-ewwel lok, ghandu jinghad li r-rapport li kien sar dakinhar, u cioe' li kien hemm vettura b'xi persuni suspettuzi fiha, kien sar b'mod anonimu minn persuna li ftit tal-jiem qabel kien vittma ta' serq mir-residenza tieghu. Ghalhekk dan kien allerta lill-Pulizija li kien hemm vettura li dehret suspettuza, ul-Pulizija marret taghmel il-verifiki taghha. Huwa minnu li, kif ighid il-malti, "il-kelb il-mismut kull ilma jahsbu mishun", ghax ir-rapport jidher li gie instigat minn persuna li kienet ghadha kemm kellha xi ni nies li dahlu fir-residenza taghha u serqu diversi oggetti proprjeta' taghha, u allura din l-istess persuna kellha kull interess illi thares hwejjigha minn attakki ohra. Fil-verita', is-semplici fatt li l-imputati u Zahra kienu qeghdin fejn kienu ma fih xejn hazin jew illegali jew illecitu.

Madankollu, hemm zewg elementi li jhassbu lil din il-Qorti. Hemm il-prezenza ta’ diversi oggetti marbutin mas-serq li kienu fil-vettura, u hemm l-ammissjoni ta’ Zahra. Dawn iz-zewg elementi ghandhom jigu kkunsidrati sew. L-oggetti li nstabu fil-vettura kienu, kif ammess minnu, ta’ Zahra. L-ispjegazzjoni li nghatat lil din il-Qorti kien semplicement li dawk kienu tieghu u mhux tal-imputati, u allura huma ma kellhom x’jaqsmu xejn maghhom. Il-Qorti tasal biex tifhem li persuna jkollha xi bicciet ta’ hwejjeg taghha fil-vettura, izda li jkun hemm kumbinazzjoni tlitt pari ta’ ingwanti u aktar minn beritta wahda, apparti aktar minn ghodda wahda ta’ certu daqs, toghrok daqsxejn l-ghajn. Aktar minn hekk, Zahra ammetta li kien assocja ruhu ma’ terzi bil-ghan li jaghmel delitt, meta dawn it-terzi m’huma hadd hlief l-imputati. Aktar tard fil-proceduri, hu gie prodott bhala xhud in difesa, u pprova jghid li hu kien ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha ghax, kif gia’ inghad, kien skonta l-piena li seta’ jiehu peress illi baqa’ taht arrest preventiv ghal tul ta’ zmien, u ried jehles mill-akkuzi kontra tieghu. Hu qal li l-oggetti li kien hemm fil-vettura kienu kollha tieghu, u li huma kienu hemm biss qed ighaddu z-zmien flimkien.

Fil-fehma tal-Qorti, bid-dovut rispett, din l-ispjegazzjoni hija wahda infantili u semplicistika ghall-ahhar. Ejja wiehed jinsa ghall-mument li r-rapport originali kien gie instigat minn persuna li kienet vittma ta’ serqa. Ma gie prodott ebda ness bejn dik is-serqa u l-imputati. Dan l-element ghalhekk qed jigi skartat ghal kollox. Jibqa’ l-fatt li t-tlieta kienu fil-pussess ta’ oggetti suspettuzi, u li wiehed minnhom ammetta li kien assocja ruhu mal-ohrajn biex iwettaq reat. Zahra mhux wiehed novizz ghall-proceduri kriminali. Il-Qorti ghandha tipprezumi li hu kien jaf ezatt ghal liema reat qieghed jammetti meta nghata zmien jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u llum il-kaz tieghu ilu li ghadda in gudikat. L-imputati

l-ohra ma taw ebda spjegazzjoni ohra ghalfejn kienu fil-vettura dakinhar, u ghalfejn kellhom maghhom ingwanti, tornavit, lieva, briered, u oggetti ohra. Huma strahu interament fuq ix-xiehda ta' Zahra li qisu assuma r-responsabbilta' ghal dak kollu li nstab fil-pussess taghhom.

In succint, l-imputati nstabu fil-pussess ta' oggetti relatati mas-serq, flimkien ma' persuna ohra li, aktar kmieni fl-istess process, ammettiet li kienet assocjat ruhha maghhom bil-ghan li jitwettaq reat. Dawn il-fatti ma jistghu iwasslu mkien hlief ghal sejbien ta' htija fl-imputati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 48A, 49, 50, 289, 261(a) (b), 287 u 579(2) tal- Kap 9 u Art 3(a) tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputati Francis Formosa u Ismael Haddewi hatja tal-akkuzi kontra taghhom, u ghaldaqstant tikkundannahom ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija kull wiehed.

Fil-konfront ta' Francis Formosa, tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza datata 4 ta' Dicembru 2008 fejn l-imputat kien wehel piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------